MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tas-16 ta' April, 2004

Talba Numru. 1337/2003

**Theresa Gauci u Saviour Gauci**

**Vs**

**Carmelo Camilleri**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz ipprezentat mill-atturi fit-2 ta' Lulju 2003 li permezz tieghu talbu lill-konvenut jigi kkundannat li jhallas is-somma ta' mija u disgha u disghin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm199.70c) rapprezentanti d-danni sofferti mill-atturi fil-vettura taghhom bin-numru ta' registrazzjoni AAV 497 f'incident li sehh fis-17 ta' Frar 2003 fix-xatt f'Ta' Sliema waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura/bus bin-numru ta' registrazzjoni EBY 547 liema kollizjoni l-atturi qed jallegaw li grat unikament tort tan-negligenza u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Illi l-konvenut irrisponda illi hu m'huwiex responsabbli ghall-incident in kwistjoni u anke kkontesta l-*quantum* tad-danni.

Ra l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Sema’ x-xhieda ta’ l-attrici Theresa Gauci, tal-konvenut Carmelo Camilleri u tas-Surgent PS 513 Anthony Gerada.

Ra li fis-seduta tat-23 ta’ Marzu 2004 l-istadju tal-provi gie ddikjarat maghluq u l-partijiet trattaw il-kawza li thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi jirrizulta illi l-incident sehh f’Tower Road, Sliema biswit il-hanut maghruf bhala Offshore u cjoe’ qabel ma Tower Road tilwi ‘l fuq fejn il-Magic Kiosk. F’dik il-parti tat-triq hemm tlett kareggjati. L-kareggjata ta’ gewwa kienet okkupata bit-traffiku, l-kareggjata tan-nofs kienet okkupata b’traffiku iehor u l-konvenut kien qieghed f’din il-kareggjata, mentri fil-kareggjata ta’ barra kien hemm traffiku li kien miexi u l-attrici kienet qieghda ghaddejja minn din il-kareggjata.

Jirrizulta mill-provi wkoll illi wara l-kollizjoni l-vettura ta’ l-attrici spiccat ftit piedi aktar avanzata mill-vettura tal-konvenut u inoltre, mir-ritratti esebiti, mill-iskizz, mir-Road Accident Report u mix-xhieda tal-konvenut u tas-surgent jirrizulta illi fil-mument ta’ l-impatt certament il-vettura misjuqa mill-attrici kienet qieghda tinstaq b’aktar speed minn kemm setghet kienet miexja l-vettura tal-konvenut u dan billi l-hsara ta’ l-attrici grat mill-bieba tal-passigier lura mentri l-hsara tax-xarabank grat billi ntlaqat ftit il-genb ta’ magenb il-fanal ta’ quddiem min-naha tad-driver u ngibed ‘il quddiem ir-rim tan-nickel ta’ l-istess fanal.

Jirrizulta wkoll illi aktar milli habta, l-kollizjoni sehhet billi z-zewg vetturi barxu ma’ xulxin.

L-attrici xehdet illi hija ma ratx l-incident isehh u l-ewwel darba li ndunat li l-vetturi kienu habtu kien meta hija semghet hoss ta’ zewg karozzi joborxu ma’ xulxin u hija waqfet u b’hekk indunat li kienet sehhet il-kollizjoni.

Da parti tal-konvenut huwa jghid li hu wkoll ma rax il-kollizjoni ssir u l-ewwel darba li nduna biha kien meta sema' l-hoss tal-kollizjoni izda afferma illi fil-mument tal-kollizjoni l-vettura tieghu kienet wieqfa.

F'din il-kawza l-oneru tal-prova jinkombi fuq l-atturi li jridu jgibu prova sufficjenti li turi illi l-konvenut kien qed isuq b'mod traskurat jew negligenti u li kien jahti ghall-incident in kwistjoni.

It-Tribunal jidhirlu illi dan il-grad ta' prova ma ntlahaqx u certament il-provi prodotti ma jwasslux biex il-Gudikant ikollu dak il-konvinciment morali sufficjenti biex jikkonkludi li fuq bazi ta' probabilta' l-atturi rnexxielhom jippruvaw il-kaz taghhom.

Iz-zewg sewwieqa ma rawx l-incident isir u ghalhekk hadd minnhom ma jista' jimputa xi tort fuq il-parti l-ohra izda filwaqt li l-attrici tghid li hija kienet miexja fid-dritt u ma bidlitx il-kareggjata taghha, l-konvenut ighid illi fil-mument ta' l-impatt huwa kien wieqaf.

Li jirrizulta minghajr dubju huwa li z-zewg vetturi mbarrxu ma' xulxin u li fil-mument ta' l-impatt certament l-attrici kienet miexja.  L-kwistjoni hi jekk il-konvenut kienx miexi jew le.  Jekk il-konvenut kien miexi fil-mument ta' l-impatt allura wiehed jista' jiddezumi illi f'dak il-mument possibilment seta' gibed harira 'l barra fuq l-*outer lane* u b'hekk ikkawza l-incident.  Mill-banda l-ohra, jekk il-konvenut kien wieqaf wiehed jista' jipprospetta s-sitwazzjoni fejn, stante li l-ispazju bejn il-*bus* tal-konvenut u l-bankina ta' barra kien ristrett hafna, li l-attrici gibdet ftit 'il gewwa minhabba l-ispazju hekk ristrett u b'hekk sehhet il-kollizjoni.  Z-zewg tezijiet huma possibli.

It-Tribunal kellu l-opportunita' li jisma z-zewg sewwieqa jixhdu quddiemu u jara l-komportament u demeanour taghhom fuq il-pedana tax-xhieda. T-tnejn xehdu b'mod affermattiv u kredibbli.  L-unika xhud indipendenti, cjoe' s-Surgent Gerada ma rax l-incident isir u semplicement irrapporta l-verzjonijiet li tawh iz-zewg sewwieqa fil-mument li sehhet il-kollizjoni u mix-xhieda tieghu ma

nistghux insibu xi konfort biex dan id-*deadlock* jista' jigi b'xi mod rizolut.

Illi minkejja t-Tribunal jidhirlu li l-atturi ma rnexxielhomx jippruvaw sodisfacentement il-kaz taghhom u li konsegwentement it-talba taghhom ma tistax tigi akkolta. T-Tribunal irid jikkumenta xi haga zghira fuq il-*quantum* tad-danni mitluba.
L-atturi ma rriparawx il-vettura taghhom u qieghdin jistriehu fuq stima relattiva. L-konvenut esebixxa *survey report* li jistima l-ispiza sabiex isiru r-riparazzjonijiet fil-vettura ta' l-atturi kwazi ghall-istess ammont. Id-differenza hija negligibbli u konsegwentement m'hemmx dubju illi l-ispiza sabiex tissewwa l-vettura ta' l-attrici bejn wiehed u iehor tikkombacja ma' l-ammont mitlub. Il-konvenut isostni li t-Tribunal ghandu jiehu konsiderazzjoni tal-*pre accident value* tal-karozza ta' l-atturi u l-valur tal-vettura wara l-incident, cjoe' tar-*wreck*, izda t-Tribunal jidhirlu illi tali argumentazzjoni m'ghandux jghodd ghall-kaz odjern billi l-atturi, kieku rnexxielhom jippruvaw ir-responsabbilta' tal-konvenut ghall-kollizjoni in kwistjoni, kien ikollhom dritt ghal *restitutio ad integrum* u li jsewwu l-vettura taghhom. L-argumentazzjoni tal-konvenut kienet issib applikazzjoni kieku si trattata kwistjoni bejn l-assigurat u l-assigurazzjoni tieghu.

Fuq il-kap ta' l-ispejjez it-Tribunal jidhirlu li minhabba c-cirkostanzi partikolari tal-kaz ghandu jkun hemm temperament. Certament wiehed ma jistax jinjora li l-provi prodotti kienu jwasslu ghall-istess konkluzjoni anke kieku l-kawza kienet fl-ismijiet inversi u li kieku Camilleri kien l-attur u Gauci l-konvenuti.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara illi l-atturi ma rnexxielhomx jippruvaw it-talbiet taghhom u konsegwentement dawn qieghdin jigu michuda izda minhabba c-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez tal-kawza ghandom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------